**Dispożittiv**

L-Artikoli 89 u 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-qrati nazzjonali għandhom jevalwaw, skont il-kriterji ta' evalwazzjoni pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2021, K. M. (Sanzjonijiet imposti fuq il-kaptan tal-bastiment) (C-77/20, EU:C:2021:112), jekk, fir-rigward tal-ksur imwettaq, inkluża s-serjetà tiegħu, il-qbid obbligatorju tal-qabdiet u l-irkaptu tas-sajd kollu misjub abbord il-bastiment ikkonċernat huwiex proporzjonat mal-kisba tal-għan leġittimu segwit mill-projbizzjoni tal-apparat ta' klassifikazzjoni prevista fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar, kif emendat bir- Regolament (UE) Nru 227/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013, u biex jeżamina, jekk meħtieġ, il-ħtieġa li jiġi aġġustat, immodulat jew attenwat il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-qbid tal-qabdiet u tat-tagħmir tas-sajd.

(1) ĠU C 401, 4.10.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Marzu 2022 – Antonius Maria Vervloet, Cornelia Wilhelmina Vervloet-Mulder vs Agència Estatal de Resolució d'Entitats Bancàries (AREB)**

**(Kawża C-526/21 P)** (1)

***(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tal-aggravji – Inammissibbiltà manifesta)***

(2022/C 222/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Antonius Maria Vervloet, Cornelia Wilhelmina Vervloet-Mulder (rappreżentant: P. Van der Veld, advocaat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Agència Estatal de Resolució d'Entitats Bancàries (AREB)

**Dispożittiv**

1. L-appell huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

2. Antonius Maria Vervloet u Cornelia Wilhelmina Vervloet-Mulder għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(1) ĠU C 158, 11.4.2022.

---

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2021 minn Bálint Krátky mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-22 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-13/21, Krátky vs Il-Parlament Ewropew *et***

**(Kawża C-503/21 P)**

(2022/C 222/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Appellant:* Bálint Krátky (rappreżentant: I. Kriston, ügyvéd)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea